MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 114/2002/1

**Rikors Nru: 114/02**

***Maria Dolores Buttigieg
Francis Barbara***

***versus***

***Rosina Stagno u Richard Cocks ghall-kull interess li jista' jkollu***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi l-esponenti huma l-propjetarji tal-fondi 17, Qrejten Street, Msida u 22, Clarence Street, Msida u dan il-postijiet qieghdin mikrija ghand l-intimata ghall-diversi snin u l-istess intimata nifduthom;

Illi l-kera li tithallas hija ta' tnax-il Lira Maltin (Lm12.00) kull sena u l-pagament li jmiss huwa f'Ottubru 2003 u dan ghar-rigward il-post ta' 17, Qrejten Street, Msida u sitt Liri Maltin (Lm6.00) kull sena u l-pagament li jmiss hu f'Ottubru 2003 u dan ghall-post 22, Clarence Street, Msida liema kerjiet qieghdin jigu rifjutati.

Illi dawn id-djar ilhom vojta ghal dawn l-ahhar tlettax (13) il-sena peress illi l-intimata qieghda toqghod gewwa l-Old People's Home gewwa Clarence Street, Msida u ilha hemm tul dan iz-zmien kollu;

Illi di piu Richard Cocks dahal recenti minghajr ebda permess tas-sidien gewwa dawn il-fondi u qieghed juzhom minghajr ebda titolu;

Illi di piu l-esponenti ghandha bzonn din id-dar ghan-neputijiet taghhom li ma ghandhomx fejn joqghodu;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Bord joghbgu jakkorda t-talbiet taghhom u:

1. Tawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-fond 17, Qrejten Street, Msida u l-post 22, Clarence Street, Msida.

2. Tordna lill-intimata u Richard Cocks milli jivvakaw u jbattlu mill-fond de quo fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhom koncess minn dan l-istess Onorabbli Bord;

3. Tordna l-izgumbrament tal-intimat u ta' Richard Cocks mill-fond in kwistjoni;

4. Tordna li l-kirja ma tiggeddidx.

Ra r-risposta

In linea preliminari, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materiae*. F'dan is-sens jinghad illi mill-premessi tar-rikors, almenu ghal dak li jikkoncerna li Richard Cocks, jidher li r-rikorrenti jikkontendu li jirrisjedi hemm minghajr

titolu validu fil-ligi.  Kwindi zgur li ghal dak li jikkoncerna l-intimat Cocks, il-forum kompetenti huwa l-Qrati ordinarji.

Illi, ghal dak li jikkoncerna lil Rosina Stagno, donny qed jinghad li din biddlet id-destinazzjoni tal-lokazzjoni, essendo li din abbandunat l-istess fond tlettax-il sena ilu. F’dan ir-rigward jinghad li din il-pretenzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ghad li huwa minnu li Rosina Stagno hija registrata ma din id-dar tal-anzjani bl-ebda mod ma jfisser illi dina rrinunzjat ghall-lokazzjoni tad-dar ordinarja taghha u fil-fatt ikunhemm zmien meta hija tirritorna d-dar.

Illi inoltre, Richard Cocks jirrisjedi ma nanntu u ilu jaghmel dan ghal zmien twil.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-1 ta’ April, 2003.

Ikkunsidra,

1. Ir-rikors hu dwar zewg fondi u zewg kirjiet, wiehed mikri tnax-il lira Maltija (Lm12) fis-sena u l-iehor mikri sitt liri Maltija (Lm6) fis-sena.

2. Ir-rikorrenti Buttigieg tghid li

“Il-partijiet msemmija fir-rikors huma tnejn, imma l-intimata kienet thallas Lm18 kera fis-sena f’daqqa u l-postijiet huma minfudin bejn xulxin.  Issir ricevuta wahda ta’ Lm18”.

3. Il-fatt biss li kera ta zewg postijiet jibda jithallas globalment u bi skadenza wahda u l-fondi huma imniffdin ma jfissirx li saret novazzjoni li ma tistax tigi prezunta u ‘l-animus novandi’ ghandu jirrizulta b’mod car u univoku *(ara ‘Voludrovich vs Muscat’, Vol XL –1- 204, 25/5/1956*). F’dan il-kaz imisshom saru zewg rikors u mhux rikors wiehed.

4. Barra dan, ghal kompletezza biss, kif jghidu l-intimati l-Bord ma ghandu l-ebda kompetenza meta jigi allegat li persuna qeghda tokkupa fondi, minghajr titolu, jigifieri abuzivament *(ara 'Abela vs Brown', App. Inf. 20/1/93; 'Zammit vs Farrugia', App. Inf. 13/6/53; 'Laferla pro et noe vs Debono noe et', App. Mill-Bord, 9/1/98; 'Camilleri vs Muscat', App. Inf. 21/1/86; 'Abela vs Brown', App. 30/4/96; 'Scerri noe et vs Demajo', App. Inf. 21/1/99; 'Zammit et vs Farrugia', App. Inf. 7/5/88*).

Ghalhekk il-Bord jiddeciedi li r-rikors hu irritu u null u jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gjudizzju; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------